MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta ta' l-4 ta' Dicembru, 2003

Numru 12/2001

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**vs**

**Mohamed Mohamed Abusetta**

Il-Qorti,

Rat is-sentenza moghtija fil-11 ta' Dicembru 2001 mill-Onorabbli Qorti Kriminali li tghid hekk:

" Il-Qorti:

Rat l-att ta' akkuza numru 12/2001;

Semghet, fl-udjenza tal-bierah, 10 ta’ Dicembru, 2001, lil Mohamed Mohamed Abusetta jammetti l-htija tieghu skond l-akkuzi migjuba kontrih fl-imsemmi Att ta’ Akkuza, f’liema ammissjoni huwa ppersista anke wara li din il-Qorti wissietu b’mod l-aktar solenni dwar il-konsegwenzi legali ta’ tali ammissjoni u taghtu zmien biex jahsibha u, jekk irid, jerga’ lura minnha (u dan kif jipprovdi l-Artikolu 453(1) tal-Kodici Kriminali);

Tiddikjara lill-imsemmi Mohamed Mohamed Abusetta hati talli importa, gieghel li tigi mportata jew ghamel xi haga sabiex tista’ tigi mportata medicina perikoluza (raza mehuda mill-pjanta *cannabis*) f’Malta bi ksur tal-ligi, u dan skond l-**ewwel kap** tal-imsemmi Att ta’ Akkuza; tiddikjarah hati wkoll talli kellu fil-pussess tieghu id-droga raza mehuda mill-pjanta *cannabis* bi ksur tal-ligi, liema reat sar taht tali cirkustanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu, u dan skond it-**tieni kap** tal-Att ta’ Akkuza; tiddikjarah fl-ahhar nett hati wkoll talli assocja ruhhu ma’ persuni ohra f’Malta u ma’ persuni ohra barra minn Malta sabiex jimporta, ibiegh u jitraffika medicina u droga ohra f’Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perkoluzi, jew ippromwova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja din l-assocjazzjoni, u dan skond it-**tielet kap** tal-Att ta’ Akkuza;

Rat l-attijiet tal-kumpilazzjoni; semghet, fl-udjenza tal-bierah, lill-Avukat Dott. Leon Bencini ghall-hati u lill-Assistent Avukat Generali Dott. Anthony Barbara ghall-prosekuzzjoni dwar il-piena; hadet in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz, fosthom u in partikolari s-segwenti:

1. l-ammont ta’ raza tal-*cannabis* involuta f’dan il-kaz – kwazi kilogram u nofs – li huwa ammont sostanzjali;
2. il-fatt li l-hati dahhal id-droga f’Malta ghall-flus u bi ftehim ma’ haddiehor, u ghalhekk ukoll il-gravita` tal-akkuza migjuba fit-tielet kap;

3. l-ammissjoni tal-hati fi stadju bikri ta' dawn il-proceduri, li jwassal lil din il-Qorti sabiex tkkunsidra l-principji minnha stess enuncjati fis-sentenza tal-24 ta' Frar, 1997 fil-kawza fl-ismijiet *Ir-Repubblika ta' Malta v. Nicholas Azzopardi* fil-kaz meta jkun hemm ammissjoni; kif ukoll id-disponibbilita` tal-hati li jikkollabora mal-Pulizija, ghalkemm f'dan il-kaz ma hemmx l-estremi ghall-applikazzjoni ta' l-Artikolu 29 tal-Kap. 101;
4. iz-zmien li l-hati ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma' dan il-kaz;
5. il-fatt li bejn it-tieni u l-ewwel kap hemm in-ness tal-mezz ghall-fini;
6. il-fatt li f'dana l-kaz il-Qorti mhix tal-fehma li ghandha tapplika il-piena tal-prigunerija ghall-ghomor izda piena ta' prigunerija ghal-periodu determinat fil-parametri ta' dak li jipprovdi l-proviso tas-subaparagrafu (i) tal-paragrafu (a) tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Kap. 101;

Rat l-Artikoli 7, 8(a), 22(1)(a)(f)(1A)(1B)(2)(a)(i)(3A)(d) tal-Kap. 101, u l-Artikoli 11, 17(b)(h), 22, 23 u 533 tal-Kodici Kriminali;

Tikkundanna lil Mohamed Mohamed Abusetta ghall-piena ta' **ghaxar (10) snin prigunerija** (mill-liema periodu ghandu jitnaqqas iz-zmien kollu li huwa ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma' dan il-kaz), kif ukoll **multa ta' hdax-il elf lira (Lm11,000)** (konvertibbli f'sena ohra prigunerija f'kaz ta' nuqqas ta' pagament skond il-ligi); tordna **l-konfiska favur il-Gvern** ta' kull flejjes jew proprjeta` mobbli ohra, u tal-proprjeta` immobbli kollha tal-imsemmi Mohammed Mohammed Abusetta, ukoll jekk il-proprjeta` immobbli minn meta huwa gie akkuzat tkun ghaddiet ghand terzi persuni, u anke jekk l-imsemmija flejjes, proprjeta` mobbli jew proprjeta` immobbli jkunu jinsabu f'xi post barra minn Malta; fl-ahhar nett tikkundanna lil Mohamed Mohamed Abusetta **ihallas lir-Registratur l-ispejjez peritali kollha** inkorsi f'dawn il-proceduri, u dan fi zmien xahar minn meta huwa jigi hekk notifikat bl-ammont relattiv mill-istess Registratur.

Il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-droga kollha ezibita taht l-awtorita` taghha, liema distruzzjoni ghandha ssir mir-Registratur bl-assistenza tal-Ispizjar Mario Mifsud li qed jigi nominat ghal dana l-fini, u dan mhux aktar tard minn gimghatejn mill-lum, kemm-il darba fi zmien erbat ijiem mill-lum il-prosekuzzjoni ma tiddikjarax, permezz ta’ nota, li l-imsemmija droga hija mehtiega in konnessjoni ma’ xi proceduri ohra; ir-Registratur ghandu jirredigi *proces-verbal* bid-dettalji kollha tal-process ta’ distruzzjoni, liema *proces-verbal* ghandu jigi inserit fl-atti ta’ din il-kawza".

Rat li minn din is-sentenza l-akkuzat ipprezenta rikors ta' appell fl-4 ta' Jannar 2002 li bih talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza msemmija billi tikkonfermaha fejn in forza taghha l-appellant instab hati tal-akkuzi dedotti kontra tieghu, fejn gie ordnat it-tnaqqis tal-perijodu ta' zmien li huwa ghamel taht arrest preventiv, fejn huwa gie kkundannat biex ihallas l-ispejjez peritali f'terminu ta' xahar mid-data meta huwa jigi mgharraf bl-entita` ta' tali spejjez mir-Registratur u fejn giet ordnata l-konfiska tal-flejjes u tal-proprjeta` kollha tieghu, mobbli jew immobbli, sitwata f'Malta jew barra minn Malta, u tirrevokaha fejn permezz ta' l-imsemmija sentenza l-appellant gie kkundannat ghal ghaxar snin prigunerija u multa ta' Lm11,000 u minflok tinfliggi piena aktar idoneja ghall-kaz;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

Jinghad mill-ewwel li dan il-kaz huwa wiehed fejn kien hemm ammissjoni, f'liema ammissjoni l-appellant ippersista anke wara li gie mwissi b'mod l-aktar solenni mill-ewwel Onorabbli Qorti, kif titlob il-ligi, fuq il-konsegwenzi legali ta' din l-ammissjoni tieghu.

Issa fit-termini tal-gurisprudenza ormai kostanti tal-Qrati taghna, meta jkun hemm ammissjoni huwa xi ftit jew wisq odjuz appell minn piena sakemm din tkun tirrientra fil-limiti li tippreffiggi l-ligi. Dan huwa hekk peress illi min jammetti

jkun qieghed jassumi r-responsabilita` tad-decizjoni li jkun ha u jirrimetti ruhu ghal kull decizjoni dwar piena li l-Qorti tkun tista' tasal ghaliha. Naturalment dan ma jfissirx li din il-Qorti u Qrati ohra ta' appell ma jidhlux f'ezami akkurat tac-cirkostanzi kollha biex jaraw jekk il-piena nflitta kenitx eccessiva jew le. Mhuwiex normali pero`, li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun inghatat.

Fir-rikors ta' appell tieghu, l-appellant jissottometti li, tenut kont il-fattispeci ta' dan il-kaz, dawn messhom kellhom l-effett li jattenwaw il-piena talvolta inflitta fuqu, mentri dawn l-attenwanti ma gewx ikkunsidrati kif jixraq mill-ewwel Qorti. Huwa jelenka bhala attenwanti (1) l-eta` markatament zaghzugha tieghu meta gara dan il-kaz, (2) il-karattru verament dghajjef u mmatur tieghu kumplementat mal-fatt li terza persuna nqdiet bih ghall-iskopijiet ta' mohha, (3) il-ko-operazzjoni tieghu mal-pulizija mill-bidu nett, liema ko-operazzjoni ser tissokta, (4) il-fatt li ammetta l-htija tieghu fl-aktar stadju bikri tal-proceduri kriminali istitwiti kontra tieghu, u (5) il-fatt li l-medicina perikoluza involuta f'dan il-kaz kienet raza mehuda mill-pjanta cannabis li, kif inhu maghruf, tipprovoka hsara radikalment anqas minn drogi ohra.

Fil-kaz in ezami, l-ewwel Qorti fis-sentenza taghha affermat li waslet ghall-konkuzjoni taghha wara li "[r]at l-attijiet tal-kumpilazzjoni; semghet, fl-udjenza tal-bierah lill-Avukat Dott. Leon Bencini ghall-hati u lill-Assistant Avukat Generali Dott. Anthony Barbara ghall-prosekuzzjoni dwar il-piena; hadet in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz, fosthom u in partikolari s-segwenti:

1. l-ammont ta' raza tal-*cannabis* involuta f'dan il-kaz - kwazi kilogramm u nofs - li huwa ammont sostanzjali;
2. il-fatt li l-hati dahhal id-droga f'Malta ghall-flus u bi ftehim ma' haddiehor, u ghalhekk ukoll il-gravita` tal-akkuza migjuba fit-tielet kap;
3. l-ammissjoni tal-hati fi stadju bikri ta' dawn il-proceduri, li jwassal lil din il-Qorti sabiex tikkunsidra l-principji minnha stess enuncjati fis-sentenza tal-24 ta' Frar 1997 fil-kawza fl-ismijiet *Ir-Repubblika ta' Malta v. Nicholas Azzopardi* fil-

kaz meta jkun hemm ammissjoni; kif ukoll id-disponibilita` tal-hati li jikkollabora mal-Pulizija, ghalkemm f'dan il-kaz ma hemmx l-estremi ghall-applikazzjoni ta' l-Artikolu 29 tal-Kap 101;
4. iz-zmien li l-hati ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma' dan il-kaz;
5. il-fatt li bejn it-tieni u l-ewwel kap hemm in-ness tal-mezz ghall-fini;
6. il-fatt li f'dana l-kaz il-Qorti mhix tal-fehma li ghandha tapplika il-piena tal-prigunerija ghall-ghomor izda piena ta' prigunerija ghal perijodu determinat fil-parametri ta' dak li jipprovdi l-proviso tas-subparagrafu (i) tal-paragrafu (a) tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Kap 101".

Izjed minn hekk difficli wiehed jimmagina x'setghet tikkunsidra aktar l-ewwel Qorti. Izda hemm lok li din il-Qorti taghmel l-osservazzjonijiet taghha dwar l-aggravji kontenuti fir-rikors ta' appell kif fuq imsemmija u ghas-sottomissjonijiet li saru waqt it-trattazzjoni tal-kaz.

Fis-sottomissjonijiet orali taghha, id-difensur ta' l-appellant issottomettiet li l-ewwel Qorti ma tatx konsiderazzjoni ghall-eta` tenera ta' l-appellant u lanqas ghall-kondotta tieghu precedenti nadifa kif ghall-kuntrarju ghamlet l-istess Qorti diversament presjeduta fis-sentenza taghha tal-21 ta' Ottubru 2003 fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Talel Elmehdi Awad**. Huwa veru li fis-sentenza hawn taht skrutinju l-ewwel Qorti ma uzatx l-istess dicitura li ntuzat fis-sentenza kkwotata mid-difiza. Izda dan ma jfissirx li ma haditx dawn il-punti in konsiderazzjoni. Tant hu hekk li fis-sentenza taghha l-ewwel Qorti rreferiet ghall-"proviso tas-subparagrafu (i) tal-paragrafu (a) tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Kap 101", liema proviso jghid testwalment:

"(aa) meta l-qorti tkun tal-fehma li, meta tqis l-eta` tal-hati, il-kondotta ta' qabel tal-hati, il-kwantita` ta' medicina u x-xorta u l-kwantita` tat-taghmir jew materjali, jekk ikun il-kaz, involuti fir-reat u c-cirkostanzi l-ohra kollha tar-reat, il-piena ta' prigunerija ghall-ghomor ma tkunx dik xierqa, jew ….
f'kazijiet bhal dawn il-qorti tista' tikkundanna lill-persuna misjuba hatja ghall-piena ta' prigunerija ghal zmien ta'

mhux inqas minn erba' snin izda mhux izjed minn tletin sena u multa ta' mhux inqas minn elf lira izda mhux izjed minn hamsin elf lira" (sottolinear tal-Qorti).

Difatti l-ewwel Qorti qalet li ma kenitx tal-fehma li ghandha tapplika l-piena ta' prigunerija ghall-ghomor b'referenza specifika ghal dan il-proviso. F'kull kaz huwa ovvju li l-appellant kien diga` maggorenni meta kkommetta d-delitti li taghhom gie dikjarat hati u ghalhekk kien responsabbli ghal ghemilu. Din il-Qorti tinnota wkoll li fis-sentenza li ghaliha saret referenza mid-difiza, u cioe` **Ir-Repubblika ta' Malta vs Talel Elmehdi Awad**, l-akkuzat f'dik il-kawza wkoll gie kkundannat ghal piena ta' prigunerija ghal perijodu ta' ghaxar snin u ghall-hlas ta' multa oghla ta' Lm17,000.

Dwar is-sottomissjoni tieghu fir-rikors ta' appell li kellu karattru dghajjef u mmatur u halla lil min jinqeda bih, dawn huma asserzjonijiet gratuwiti u fil-fatt lanqas saret referenza ghalihom waqt it-trattazzjoni.

Filwaqt li fir-rikors ta' appell l-appellant jirreferi ghall-ko-operazzjoni tieghu mal-pulizija, waqt is-sottomissjonijiet orali gie spjegat li l-ewwel Qorti jmissha applikat l-artikolu 29 tal-Kap 101 peress li l-appellant indika min kienet il-persuna li qabbditu biex imur il-Marokk u jgib id-droga Malta ghaliha u tali persuna ghandha titqies ukoll bhala *"supplier"* a tenur ta' l-imsemmi artikolu.

L-artikolu 29 tal-Kap 101 jipprovdi testwalment:

"Meta dwar persuna misjuba hatja ta' reat kontra din l-Ordinanza, il-prosekuzzjoni tiddikjara fil-process li dik il-persuna tkun ghenet lill-Pulizija biex taqbad lill-persuna jew lill-persuni li jkunu pprovdewlha l-medicina, jew il-persuna misjuba hatja kif intqal qabel tipprova ghas-sodisfazzjon tal-Qorti li tkun hekk ghenet lill-Pulizija, il-piena titnaqqas …."

Jirrizulta mill-atti ta' l-istruttorja li fil-fatt l-appellant identifika l-persuna li qabbditu biex imur il-Marokk ghad-droga. Izda kif jidher car mill-artikolu 29 citat, it-tnaqqis fil-

piena jsir meta l-hati jkun ghen "lill-Pulizija biex taqbad lill-persuna jew lill-persuni li jkunu pprovdewlha l-medicini". F'dan il-kaz il-medicina perikoluza ma gietx ipprovduta ("supplied", fit-test Ingliz) lill-appellant mill-persuna indikata minnu fix-xiehda tieghu li kienet toqghod ir-Rabat ta' Malta. U kwantu ghall-persuna li pprovdietlu d-droga fil-Marokk, m'hemm l-ebda prova li dan "inqabad". Ghalhekk kellha ragun l-ewwel Qorti meta qalet li "f'dan il-kaz ma hemmx l-estremi ghall-applikazzjoni ta' l-Artikolu 29 tal-Kap 101". Nonostante dan hija xorta wahda hadet in konsiderazzjoni l-fatt li l-appellant ikkoopera mal-Pulizija.

Dwar l-ammissjoni tal-htija ta' l-appellant fi stadju bikri tal-proceduri kriminali istitwiti kontra tieghu, huwa evidenti mis-sentenza ta' l-ewwel Qorti li dan il-fattur ittiehed in konsiderazzjoni u difatti waqt it-trattazzjoni gie sottomess mid-difiza li dan il-punt jidher li ssemma fir-rikors ta' appell bi zvista.

Fl-ahharnett l-appellant jsostni li d-droga hawn involuta, raza tal-cannabis, mhijiex fl-istess klassi ta' drogi ohrajn bhalma huma l-eroina u l-kokaina ghalkemm il-ligi ma taghmilx distinzjoni. Izda peress li mhijiex perikoluza daqs ohrajn, dan ghandu jittiehed bhala cirkostanza li ghandha tigi kkunsidrata meta l-Qorti tigi biex tistabilixxi l-piena.

Din il-Qorti taqbel li l-ligi ma taghmilx distinzjoni bejn medicina perikoluza u ohra u li l-margini ta' piena hi l-istess ghall-medicini perikoluzi kollha. Ghall-finijiet ta' piena huwa maghruf ukoll li l-Qrati taghna jaghtu konsiderazzjoni ghal aspetti bhalma huma l-kwantita' involuta u l-purezza tad-droga in kwistjoni. Kuntrarjament ghal dak li sostniet id-difiza pero`, galadarba l-*cannabis* huwa trattat mil-ligi bl-istess mod bhall-medicini perikoluzi l-ohra, ma jistax jinghad li mhijiex fl-istess klassi ta' drogi ohrajn. Taht is-sistema legali taghna, klassi wahda ta' medicini perikoluzi tezisti fil-Kap 101. U jekk id-difiza ghandha xi dubju dwar il-perikolozita` o meno tal-*cannabis*, bizzejjed issir riferenza ghal studji u rapporti innumerevoli li jikkonfermaw il-problemi fizici, mentali, psikologici, medici u socjali assocjati ma' l-uzu tal-

*cannabis*[1] u li jwasslu lil din il-Qorti tirrespingi l-aspettattiva tad-difiza li l-Qorti ddahhal kuncett iehor fil-konsiderazzjonijiet dwar il-piena, dak ta' distinzjoni bejn gradi ta' perikolozita` bejn sustanza u ohra.

L-aggravji msemmija ta' l-appellant huma konsegwentement kollha respinti.

Wara li din il-Qorti qieset dan kollu, wara li qieset ukoll li l-piena nflitta mill-ewwel Qorti mhux biss hi fil-parametri tal-ligi izda hi ferm il-boghod minn dik massima stabbilita mil-ligi, u li giet imposta mill-ewwel Qorti fid-diskrezzjoni taghha wara li kkunsidrat dak kollu li kien rilevanti, u wara li din il-Qorti ghamlet ukoll ezami akkurat ta' l-atti, hi tal-fehma li l-piena nflitta mhijiex, kif jilmenta l-appellant, wahda eccessiva u ma ssib l-ebda raguni valida legalment sabiex tvarja minn din il-piena, kemm dik karcerarja kif ukoll dik pekunjarja.

Ghalhekk l-aggravju ta' l-appellant li l-piena hija wahda eccessiva huwa wkoll respint.

Ghal dawn il-motivi:-

Tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma fl-intier is-sentenza moghtija mill-Qorti Kriminali fil-11 ta' Dicembru 2001.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[1] Ara fost ohrajn: Rapport tar-*Royal College of Physicians and the Royal College of Psychiatrists* intitolat *Drugs, Dilemmas and Choices, London 2000*; Rapport tal-*American Academy of Pediatrics* intitolat *Marijuana: A Continuing Concern for Pediatricians, Pediatrics 1999*; Studju minn Trimboli u Coumarelos intitolat *Cannabis and Crime, New South Wales Bureau of Crime Statistics and Research, Publication No. 41, December 1998*.